



II-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija

II-Midja u d-Dejta

II-Konverġenza tal-Midja u l-Kontenut

Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-"Patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati" (minn hawn 'il quddiem "Ir-Rakkomandazzjoni")

Noti:

- It-tweġibiet għal dan il-kwestjonarju għandhom ikopru l-istituzzjonijiet kollha tal-patrimonju ċinematografiku fl-Istat Membri, inklużi dawk ta' livell lokali jew reġjonali.
- L-istruttura tal-kwestjonarju ssegwi l-Anness I tat-Tielet rapport ta' implimentazzjoni, sabiex tiffaċilita r-rapportar tiegħek. Fil-każ li s-sitwazzjoni ma nbidlitx mir-rapport tiegħek tal-2011, jekk jogħġbok indika "L-EBDA BIDLA".

L-isem, it-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt li jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni:

Mistoqsijiet:

(1) TABELLA 1 – ISTITUZZJONIJIET TAL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU

- 1.1 Liema korpi idonei nnominajtu sabiex iwettqu l-kompiti ta' interess pubbliku deskritti fil-punt 2 tar-Rakkomandazzjoni tal-Patrimonju Ċinematografiku, filwaqt li jiġi żgurat li jingħataw l-aqwa riżorsi finanzjarji u tekniċi disponibbli?
- 1.2 X'inhu l-baġit tagħhom għall-2013?
- 1.3 X'inhu l-għadd ta' ħaddiema tagħhom għall-2013 (persunal relatat direttament mal-patrimonju ċinematografiku)?
- 1.4 Jekk jogħġbok elenka l-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku kollha, inklużi wkoll dawk ta' livell reġjonali jew lokali, kif ukoll is-siti elettroniċi tagħhom.

¹ ĠU L 323, 09.12.2005

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2005/l_323/l_32320051209en00570061.pdf

1.5 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(2) TABELLA 2 – MIŻURI LEĠIŻLATTIVI / DEFINIZZJONI TAL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU NAZZJONALI

2.1 Elenka l-miżuri leġiżlattivi / amministrattivi li jippromwovu l-għanijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Patrimonju Ċinematografiku tal-2005.

2.2 X'inhi d-definizzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi li jiffurmuw parti mill-patrimonju ċinematografiku nazzjonali tagħkom?

2.3 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(3) TABELLA 3 – DEPOŻITU TAX-XOGĦLIJET ĊINEMATOGRAFIĊI LI JIFFURMAW PARTI MILL-PATRIMONJU AWDJOVIŻIV NAZZJONALI TAGĦKOM

3.1 Kif tiddefinixxu dan it-tip ta' depożitu fl-Istat Membru tagħkom?

a) Depożitu legali

b) Depożitu obligatorju ta' xogħlijiet ċinematografiċi li rċevew fondi pubbliċi (depożitu kuntrattwali)

c) Depożitu volontarju

3.2 Il-film fuq midja diġitali huwa kopert mill-obbligi tad-depożitu?

3.3 X'materjal għandu jiġi ddepożitat?

3.4 X'inhi d-data ta' skadenza għad-depożitu?

3.5 Hemm kontroll tal-konformità tal-obbligu tad-depożitu?

3.6 Hemm kontroll tal-kwalità tal-materjal iddepożitat?

3.7 Kellkom xi problema jew eżempju tal-aħjar prassi li tixtiequ tirrapportaw fir-rigward tal-ġbir tax-xogħlijiet ċinematografiċi?

3.8 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(4) TABELLA 4 – ĠBIR TA' MATERJAL APPARTI MINN XOGĦLIJET ĊINEMATOGRAFIĊI LI JIFFURMAW PARTI MILL-PATRIMONJU AWDJOVIŻIV NAZZJONALI TAGĦKOM

4.1 Hemm xi provvedimenti / prassi fl-Istat Membru tagħkom li jikkonċerna l-ġbir tax-xogħlijiet ċinematografiċi li ma jiffurmuwx parti mill-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali?

4.2 U dwar materjal ta' immaġni li jiċċaqalqu appartu xogħlijiet ċinematografiċi?

4.3 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(5) TABELLA 5 – KATALOGAR U BAŻIJET TAD-DEJTA

5.1 Tista' tiddekrivi l-prassi tal-katalogar tagħkom?

5.2 Tista' tiddekrivi l-bażijiet tad-dejta filmografici tagħkom?

5.3 Kif tiżguraw l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-dejta tagħkom ma' bażijiet tad-dejta oħrajn fl-Istat Membru tagħkom jew ma' Stati Membri oħrajn?

5.4 Implimentajt jew qed tippjanaw li timplimentaw l-Istandard Ewropew EN 15744:2009 "Film Identification – Minimum metadata set for cinematographic works" (Identifikazzjoni tal-Films – Sett minimu ta' metadejta għax-xogħlijiet ċinematografiċi) u/jew l-istandard EN 15907:2010 "Film Identification – Enhancing interoperability of metadata – Element sets and structures" (Identifikazzjoni tal-Films – Titjib tal-interoperabbiltà tal-metadejta – Settijiet u strutturi tal-elementi)?

5.5 Għandkom xi problema jew eżempju tal-aħjar prassi li tixtiequ tirrapportaw b'rabta mal-katalogar u l-bażijiet tad-dejta?

5.6 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(6) TABELLA 6 – PRESERVAZZJONI U RESTAWR

6.1 X'miżuri/programmi tiegħdu sabiex tiżguraw il-preservazzjoni tax-xogħlijiet ċinematografiċi depożitati?

6.2 Elenka l-miżuri jew programmi fis-seħħ għar-restawr.

6.3 Il-liġi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur timplimenta l-eċċezzjoni 5(2)(c) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni²? Din l-eċċezzjoni tippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw atti ta' riproduzzjoni magħmula minn libreriji jew arkivji aċċessibbli għall-pubbliku li mhumiex għall-vantaġġ ekonomiku kummerċjali dirett jew indirett. Jekk l-eċċezzjoni hija implimentata, l-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku kollha dwar l-Istat Membru tiegħek huma awtorizzati jagħmlu użu minn din l-eċċezzjoni? L-eċċezzjoni hija implimentata b'mod li tippermetti bdil minn format għall-ieħor għall-materjal diġitali?

6.4 Għandkom xi problemi jew eżempju tal-aħjar prassi li tixtiequ tirrapportaw b'rabta mal-preservazzjoni jew restawr?

6.5 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

² ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

(7) TABELLA 7 – AĊĊESSIBILITÀ, TAĦRIĠ PROFESSIONALI U EDUKAZZJONI

- 7.1 Il-liġi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur timplimenta l-eċċezzjoni 5(3)(n) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni? Din l-eċċezzjoni tippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw konsultazzjoni "in situ" għar-riċerkaturi. L-eċċezzjoni hija implimentata sabiex tkopri konsultazzjoni f' "network magħluq"?
- 7.2 Il-liġi nazzjonali dwar id-drittijiet tal-awtur timplimenta l-eċċezzjoni 5(3)(a) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni? Din hija eċċezzjoni li tippermetti l-illustrazzjoni għat-tagħlim jew għar-riċerka xjentifika. Jekk iva, ix-xogħlijiet ċinematografiċi huma wkoll koperti mill-eċċezzjoni?
- 7.3 Ġiet implimentata fl-Istat Membru tiegħek id-Direttiva dwar ċertu użu permess ta' xogħlijiet orfni?
- 7.4 Hemm xi prattika tal-liċenzjar li tiffaċilita li x-xogħlijiet ċinematografiċi jkunu aċċessibbli għall-użu edukattiv, kulturali, ta' riċerka jew użu mhux kummerċjali oħra ta' natura simili? Jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu.
- 7.5 Ħadtu miżuri biex tiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jkollhom aċċess għax-xogħlijiet ċinematografiċi ddepożitati, f'konformità mad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati? Jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu.
- 7.6 X'passi ttieħdu biex jiġi promoss it-taħriġ professjonali fl-oqsma kollha relatati mal-patrimonju ċinematografiku?
- 7.7 X'passi ttieħdu biex jitrawwem u jiġi promoss il-litteriżmu tal-films? L-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku jipprovdi filmati online b'xejn li jippermettu lill-pubbliku jitgħallem jimmanipula l-immagħni permezz ta' *mash up*?
- 7.8 Għandkom xi problemi jew eżempju tal-aħjar prassi li tixtiequ tirrapportaw frabta mal-aċċessibilità, it-taħriġ professjonali jew l-edukazzjoni?
- 7.9 Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(8) TABELLA 8 – ATTIVITAJIET EWROPEJ U INTERNAZZJONALI

- 8.1 Tikkooperaw ma' Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku oħrajn, arkivji tax-xandir jew istituzzjonijiet kulturali oħrajn fl-Istat Membru tagħkom?
- 8.2 Stabbilejtu kooperazzjoni bilaterali mal-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku fi Stati Membri oħrajn?
- 8.3 Tipparteċipaw fi proġetti Ewropej? Jekk iva, jekk jogħġbok elenka hom.
- 8.4 Intom attivi f'attivitajiet internazzjonali?

(9) TABELLA 9 – SEGWITU TAL-PRIJORITAJIET

X'sar fl-Istat Membru tagħkom mill-2011 sabiex jiġu indirizzati l-oqsma ta' azzjoni li ġejjin? Jekk jogħġbok semmi wkoll jekk qed tikkunsidraw tindirizzaw kull qasam ta' azzjoni matul l-2014/2015.

Il-ġbir

- 9.1 Ipprevedejtu mekkaniżmi ta' infurzar għad-depożitu legali jew kuntrattwali?
- 9.2 Introduċejtu kontrolli sistematiċi tal-kwalità fuq il-materjal depożitat? Jekk dan s'issa mhux il-każ, il-kunċett ta' "kwalità tajba" ġie definit fl-istrumenti legali li joħlqu d-depożitu legali jew obbligatorju?
- 9.3 Għamiltu promozzjoni b'mod attiv tad-depożitu volontarju tax-xogħlijiet ċinematografiċi u materjal relatat tal-films? Żgurajtli li d-depożiti kollha huma akkumpanjati minn kuntratti? Użajtli l-mudell tal-kuntratt għad-depożitu volontarju ffirmat mill-ACE u l-FIAPF?

Ikkatalogar u ħolqien ta' bażijiet tad-dejta

- 9.4 Il-bażijiet tad-dejta tagħkom huma kompletament disponibbli u misjuba fuq l-Internet?
- 9.5 L-istituzzjoni tagħkom ipparteċipat fit-taħriġ iffinanzjat mill-UE għall-implimentazzjoni tal-istandards Ewropej EN 15744:2009 u EN 15907:2010 dwar l-interoperabbiltà tal-bażijiet tad-dejta tal-films? Implimentajtli jew qed tippjanaw li timplimentaw dawk l-istandards?

Preżervazzjoni

- 9.6 Stabbilixxajtli strateġija fit-tul għall-patrimonju ċinematografiku tagħkom, kif ukoll "pjanijiet nazzjonali ta' preżervazzjoni"?

Restawr

- 9.7 Hloqtli pjanijiet ta' restawr, inklużi sistemi ta' prijoritizzazzjoni skont il-baġit disponibbli?
- 9.8 Intensifikajtli l-isforzi tagħkom biex tattiraw riżorsi finanzjarji apparti l-fondi mill-Istat għal proġetti ta' restawr, pereżempju mid-detenturi tad-drittijiet u minn istituzzjonijiet filantropiċi jew kulturali?
- 9.9 Stabbilixxajtli sħubijiet ma' istituzzjonijiet oħrajn tal-patrimonju ċinematografiku għall-proġetti ta' restawr Ewropej?
- 9.10 Hdimtli fuq ftehimiet mad-detenturi tad-drittijiet għall-isfruttar mhux kummerċjali tax-xogħlijiet restawrati?

Aċċessibbiltà

- 9.11 Stabbilixxajtli ftehimiet mad-detenturi tad-drittijiet, sabiex tiksbu d-drittijiet għall-użu kulturali tal-films u l-materjal relatat mal-films?

Edukazzjoni / Litteriżmu medjatiku

- 9.12 L-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku u l-iskejjel tagħkom fittxew li jistabbilixxu ftehimiet mad-detenturi tad-drittijiet sabiex jiksbu d-drittijiet għall-użu edukattiv tal-films?
- 9.13 Żviluppajtu strateġiji nazzjonali għall-films u ż-żgħażaġh?

Taħriġ professjonali

- 9.14 Ikkunsidrajtu jew daħħaltu fis-seħħ skambju temporanju ta' professjonisti bejn l-istituzzjonijiet tal-patrimonju ċinematografiku Ewropew bħala mezz ta' titjib tat-taħriġ professjonali?

(10) TABELLA 10 – MIŻURI LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI TAL-ERA DIĠITALI

X'sar mill-2011 'l hawn jew x'hemm ippjanat li jsir sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-era diġitali:

- 10.1 Ġbir / akkwist ta' materjal diġitali (imqassam fiċ-ċinema jew permezz ta' mezzi oħra ġodda): aġġornajtu l-istrumenti legali li jistabbilixxu d-depożitu legali jew obbligatorju tal-films, sabiex tkopru l-films prodotti fuq kull tip ta' midja u mqassma permezz tal-mezzi kollha? Stabbilixxejtu standards li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għas-sottomissjoni tal-films diġitali fl-arkivji u l-kundizzjonijiet għall-preservazzjoni tagħhom? Ikun utli li jiġu żviluppati standards Ewropej f'dawn l-oqsma?
- 10.2 Ħżin, preżervazzjoni u aċċessibilità għal żmien twil tal-materjal diġitali, li jkun jista' jeħtieġ migrazzjoni regolari lejn formati jew mezzi ta' ħżin ġodda: Stabbilixxejtu politika dwar il-preżervazzjoni diġitali? L-Istituzzjonijiet tal-Patrimonju Ċinematografiku qegħdin jagħmlu *benchmarking* ma' setturi oħrajn li huma kkonfrontati bl-istess sfidi? Qegħdin tinvestu fir-riċerka dwar il-preservazzjoni fit-tul tal-films diġitali? Investejtu f'taħriġ jew taħriġ professjonali meħtieġ li jidħol fis-seħħ sabiex tiżguraw s-sopravvivenza fit-tul taċ-ċinema fil-format diġitali? Stabbilixxejtu jew ikkunsidrajtu l-possibilità ta' arkivji diġitali komuni sabiex tiġbru l-għarfien espert u tnaqqsu l-ammont tal-ispejjeż?
- 10.4 Diġitizzazzjoni / Integrazzjoni fil-Europeana: Stabbilijtu strateġiji u pjanijiet għad-diġitizzazzjoni tal-patrimonju tal-films? Xi sforzi għamiltu biex tiddiġitizzaw il-films u tagħmluhom disponibbli għall-Europeana, partikolarment permezz ta' "aggregaturi" tas-settur jew nazzjonali? Tista' ttiprovdi l-perċentwal tal-kollezzjonijiet tagħkom ta' film u mhux ta' film li ġew diġitizzati, u d-definizzjoni tad-diġitizzazzjoni? Użajtu jew tippjanaw li tużaw il-fondi strutturali għall-proġetti ta' diġitizzazzjoni? X'inhu l-baġit allokat għad-diġitizzazzjoni tal-patrimonju tal-films mill-2010 'l hawn?
- 10.5 Aċċess permezz tal-internet għall-kollezzjonijiet: X'għamiltu biex tisfruttaw l-modi differenti kollha li jipprovdu aċċess għall-patrimonju tal-films b'riżultat tat-teknoloġiji ġodda? Jekk iva, x'tip ta' kanali qed tuża (sit, kanal YouTube apposta, Wikipedia, VOD...)? Tista' ttiprovdi l-perċentwal tal-kollezzjonijiet tagħkom ta' film u mhux ta' film li huma disponibbli bla ħlas onine għaċ-ċittadini?

10.6 Protezzjoni diġitali u patrimonju tal-films: Inkludejtu ċ-ċinimateki fl-istrateġija tagħkom biex tarmaw iċ-ċinemas Ewropej bi proġetturi diġitali? Qegħdin tfittxu ftehimiet mad-distributuri tal-films jew swali taċ-ċinema sabiex titrawwem il-projezzjoni diġitali tal-films tal-wirt ċinematografiku?

(11) TABELLA 11 – POLITIKA TAL-FILMSU L-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU

Il-patrimonju ċinematografiku qiegħed inkluż bis-siġħ fil-politika filmografika tal-Istat Membru tagħkom? Hemm rabta bejn il-fondi għall-produzzjoni tal-films u l-patrimonju filmografiku, sabiex jiġi infurzat id-depożitu kuntrattwali jew biex jiġi permess l-użu kulturali u edukattiv tal-films iffinanzjati ?

Hemm xi bidla mill-2011 li għandha tiġi rrapportata?

(12) TABELLA 12 – PROGRESS RELATAT MAL-PROBLEMI LI LTQAJTU MAGGHOM FL-AĦJAR RAPPORT TA' IMPLIMENTAZZJONI

X'sar biex tindirizzaw il-problemi li ltqajtu magħhom jew dgħufijiet identifikati fit-tabella 12?

(13) TABELLA 13 – L-AĦJAR PRASSI

Hemm xi prassi tajba speċifika fil-qasam tal-patrimonju ċinematografiku fl-Istat Membru tagħkom li tixtieq tirrapporta dwarha?

(14) TABELLA 14 – HEMM BŻONN TA' AKTAR AZZJONI MILL-UE?

Tista' jekk jogħġbok tikkummenta dwar is-suġġerimenti għal aktar azzjoni mill-UE fi kwalunkwe qasam marbut mal-patrimonju ċinematografiku, proposti mill-Istati Membri fit-Tabella 14? Liema minn dawn tkunu interessati tappoġġaw? Għandek xi suġġerimenti oħra għal aktar azzjoni tal-UE?

(15) TABELLA 15 – SEGWITU GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU EWROPEW, INKLUŻI L-ISFIDI TAL-ERA DIĠITALI

Introduċejtu xi bidla fil-politika frabta mal-patrimonju ċinematografiku wara l-istediniet li saru mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patrimonju Ċinematografiku Ewropew, inklużi l-isfidi tal-era diġitali tat-18-19 ta' Novembru 2010³?

Kuntatt; Mari Sol Pérez Guevara, Telefown: +32 229-54381,
marisol.perez-guevara@ec.europa.eu

³ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/educ/117799.pdf